# IL-PULIZIJA MAGAZINE

Ħarġa Vol.10 Nru 7

PULIZIJA TA' MALTA
DOMINE DIRIGE NOS




# IL-KUMPLESS AMMINISTRATTIV




**Danger: Dept of Health WARNING**
**IF YOU STOP SMOKING YOU IMPROVE YOUR HEALTH AND LIVE LONGER**

# Kumment Editorjali

## LIR-REKLUTI

META tkunu qed taqraw dawn il-kelmtejn tkunu diġa' bdejtu x-xogħol fid-diversi diviżjonijiet tal-Pulizija u anki forsi fassaltu xi xorti ta' programm għall-ħajja ġdida tagħkom ta' membri tal-Korp tal-Pulizija.

S'issa diġa smajtu ħafna dwar il-ħajja tal-pulizzjott u tridu tisimgħu ħafna aktar. Minn dak li smajtu tieħdu stampa ċara tal-ħajja tagħna. Jista' jkun ukoll li smajtu xi ftit żejjed jew ftit inqas. Minn dak li smajtu għarfu w iżnu dak li hu tajjeb u japplika għalikom u imxu fuqu matul il-karriera tagħkom fil-Korp.

Aħna wkoll nixtiequ ngħidu tagħna u se ngħidulkom għaliex dħaltu u xi jrid minkom il-Korp u n-Nazzjon. Naturalment intkom dħaltu għax-xogħol u għaldaqstant tridu taħdmu magħna biex dejjem tikber l-effiċjenza fil-Korp. Iżda x-xogħol mhux biżżejjed li nagħmluh għaliex obligati li nagħmluh. Hemm bżonn li xgħolna nagħmluh bl-akbar sens ta' rġulija u responsabilta aktar minn ta' ħaddiema oħra. Aħna nemmnu li x-xogħol tagħna għandu jsir b'ħeġġa kbira u b'armonija kemm bejnietna kif ukoll mal-pubbliku li lilu aħna obbligati li nservu. B'hekk biss is-soċjetà tħaddan il-Korp tal-Pulizija bħala ħabib.

Jekk isir dan. l-Assoċjazzjoni tagħkom, li s'issa ftit tafu dwarha, tressaq b'wiċċha minn quddiem bit-talbiet u lmenti tagħkom lejn l-awtoritajiet. Aħna ċerti li jekk ikun hemm widen għal dan l-appell sinċier tagħna, jkun hemm aktar riżultati pożittivi u naċċertawkom li l-problemi tagħna jeħfiefu u nħarsu lejn il-ħajja fil-Korp b'aktar ottimiżmu.

# F'din il-Ħarġa


| | |
|---|---|
| Diskors tal-Kummissarju | 3 |
| Diskors tal-Ministru Tonio Borg | 4 |
| Tlitt Spetturi jiggradwaw | 9 |
| Il-Każ | 11 |
| Swiss Guard | 15 |
| Case Ombudsman Notes | 18 |
| Sex Abuse | 20 |
| Għaqda Pensjonanti | 24 |
| Intervista ma George Muscat | 26 |
| L-Akkademja | 29 |
| Obitwarju | 31 |
| International Police Accociation | 35 |



**Editur**
P.S. 512 Martin Ellul

**Membri tal-Bord Editorjali**
Spettur David Saliba
Spettur Mary Muscat
P.S. 977 Joseph Zammit
W.P.C. 93 Carol Fabri
Mr. Vincent Zahra
Mrs. Doris Zammit

**Volum 10 Numru 7**
Maħruġ mill-Pulizija

Kull korrispondenza għandha tkun ittapjata u għandha tintbagħat lill-:

**Editur "Il-Pulizija"**
**C.M.R.U.**
**Police Headquarters**
**Floriana CMR 02**

Il-materjal li jiġi pubblikat f'dan il-magazin mhux bilfors jirrifletti l-oppinjoni tal-Bord Editorjali.

"Il-Pulizija" tirringrazzja lid-ditti u aġenti tar-reklami li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom u nħeġġu lill-qarrejja biex jagħmlu użu minnu.





PS. 516 Alfio Borg


Riklami miġbura minn

Millennium Marketing Ltd.
Johnny Catania Street, Msida
Tel/Fax: 21 336481
Mobile: 9989 9492

Graphic Line
30, St. Joseph, St. Peter Street, Fgura PLA 15
Tel/Fax: 21802938 • Mobile: 79802938

Poulton's Print Shop Ltd
Valletta Rd, Qormi, QRM 09 Malta.
Tel: 21495111 / 21490012
Fax: 21493653


"We do not compromise on quality and prestige. Reliability comes with our name. As well as great prices we also provide unrivalled support".
Lorenz Adamant
Creazioni Uomo
1, St. Dominic Street, Sliema SLM 06 - Malta G.C.
Tel: 322739 • Fax: 340846

# Diskors tal-Kummissarju tal-Pulizija fl-okkażjoni tal-Ftuh Uffiċjali tal-Kumpless Amministrattiv

Iż-żmienijiet jinbidlu u magħhom irridu ngħarrfu ninbidlu aħna.

Fi żminijiet li qegħdin ngħixu fihom illum wieħed irid iffittex li jssebbaħ l-ambjent li fih jaħdem hu u dawk ta' madwaru. Dan igħodd aktar u aktar fil-konfront ta' dawk li mhux biss jagħmlu sigħat twal fuq il-lant tax-xogħol tagħhom iżda wkoll meta x-xogħol ikun diffiċli u li jirrekjedi attenzjoni kontinwa. Il-konfront ta' ambjent aħjar mhux biss itaffi l-inkonvenjet ta' ħinijiet twal iżda jagħti mpetu ġdid lill dawk li jgawdu minnu.

Ma hemmx dubju li x-xoghol tal-iskwadri speċjalizzjati fil-Korp tal-Pulizija u cioe dawk tas-C.I.D., Drogi, Vizzji, Frodi, Laboratorju Forensiku, huma fost ta' quddiem nett f'dak li huma ħinijiet twal u ċirkostanzi kull tant xejn sbieħ. Ir riżultati pożittivi miksuba minnhom mhumiex għajr frott ta' ħidma sfieqa u twila u li mingħajra ma kienux jinkisbu r-riżultati li nkisbu.

Għalhekk kien aktar minn xieraq li dawn l-iskwadri speċjallizzati jingħataw ambjent ferm aħjar minn fejn huma jkunu jistgħu jaqdu d-doveri tagħhom. Kif tkunu tistgħu taraw aktar tard dawn l-iskwadri ser jibdew jagħmlu użu minn xejn anqas minn 68 uffiċċji ġodda ukoll mgħammra fl-arja kondizzjonata u tagħmir ieħor meħtieġ. Dawn il-kmamar jinkludu wkoll laboratorji, interrogation rooms, i.d. parade rooms minbarra restrooms u faċilitajiet oħra.

Magħquda magħhom hemm 49 ċella minflok 23 li kien hawn qabel li lkoll kemm huma għandhom aċċess dirett għall-arja u huma mgħamra b'faċilitajiet sanitarji u buzzers. Il-kumpless huwa fornut wkoll b'erba lifts u jipprovdi sabiex ma jkunx hemm kuntatt bejn persuni miżmuma u membri tal-pubbliku li l-preżenza tagħhom ikun meħtieġa matul l-investigazzjonijiet.

F'dan il-bini nsibu wkoll l-uffiċċju tal-Interpol, dak ġdid li qed jitwaqqaf għall Europol u dak tas-Sirene u dan sabiex il-Korp ikun imħejji kif jixraq meta Malta ssir parti mill-Unjoni Ewropea.

Il-bini ta' dan il-kumpless huwa lest u wara huwa maħsub li jingħata bidu sabiex jittranġaw is-swali ta' taħt dan il-kumpless. Għandna l-ħsieb li f'xi uħud minnhom jittellgħa mużew dwar ix-xogħol fejjiedi tal-iskwadri speċjalizzati. Huwa wkoll il-ħsieb tagħna li f'waħda minn dawn is-swali mwaqqfu sala tal-Konferenzi mgħammra bi kmamar għall-interpreti filwaqt li l-oħrajn jittranġaw biex ikomplu jaqdu d-doveri tal-Laboratorju Forensiku.

Iżda sinjuri naħseb li lkoll taqblu miegħi meta ngħid li l-aqwa element fil-ħidma fejjieda tal-pulizija jibqa l-individwu. Għalkemm ambjent aħjar jikkontribwixxi bil-bosta fil-ħidma ta' min ser jagħmel użu minn dan il-kumpless, huma d-dedikazzjoni, l-onesta, u l-lealta li jridu jmexxu l-quddiem il-ħidma tagħna u jgħinuna nirbħu aktar u aktar il-fiduċja tal-poplu li lilu naqdu. Għaldaqstant f'isem sħabi kollha nitolb lill Onor. Ministru sabiex il-parti tal-kumpless minn fejn ser joperaw is-Dipartiment tal-Investiazzjoni Kriminali tiġi dedikata lill ex Kuntistabbli MARK FARRUGIA li kif tafu lkoll ta ħajtu fit-twettieq tad-doveri tiegħu.

Qabel ma ngħaddi l-mikrofonu lill-Onor. Ministru nixtieq nirringrazzja mill-qalb lill dawk kollha li taw sehemhom sabiex seħħ dan il-proġett b'mod partikolari lill dawk il-membri tal-Korp li ħadmu bla heda biex jaraw dan il-proġett jintemm fil-ħin. Baqgħalna ħafna x'nagħmlu pero persważ li naslu wkoll.

Nieħu din l-okkażjoni sabiex minn qalbi nrodd ħajr ukoll lill Mro Chev. Abel J. Mizzi li matul dawn l-aħħar xhur ħa u qiegħed jieħu ħsieb il-Banda tal-Korp.

Grazzi ukoll lill Ambaxxaturi ta' diversi pajjiżi tal-għajnuna tagħhom kemm f'dak li hu tagħmir kif ukoll f'dawk li huma korsijiet.

# Diskors tal-Ministru Tonio Borg fl-okkazjoni tal-Ftuh Uffiċjali tal-Kumpless Amministrattiv

Diskors tal-Ministru Tonio Borg fl-okkazjoni tal-Ftuħ tal-Kumpless Amministrattiv u Lock Up Ġdid fil-kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana nhar it-Tlieta 17 ta' Lulju 2001.

Il-ħolma ta' dan il-proġett li se ninawguraw il-lejla, twieldet b'deċizjoni tal-Kabinett tal-11 ta' Settembru, 1995. Dak in-nhar il-Kabinett approva fil-prinċipju r-rakkommandazzjonijiet li kont għamiltlu li jinbena kumpless amministrattiv u lock up ġdid fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pullizija. Fis-sottomissjonijiet tiegħi lill-Kabinett kont iddeskrivejt is-sitwazzjoni kif kienet dak in-nhar. Fil-fatt dak in-nhar l-uffiċini tal-Vice Squad, Interpol u Laboratorju Forensiku u CID kienu allokati fi ħdax-il-maħżen f'forma ta' 'huts'. Kollha kienu ibatu, f'gradi differenti, minn undita' kbira u s-sitwazzjoni kienet tal-biki. Kienu għoljin 34 filata, għalkemm seta' jintuzaw biss 10 filati, u l-ħitan diviżorji ħafna drabi kienu wesgħin 10 piedi, b'rizultat li terz biss tal-area okkupata setgħet tintuza.

Il-lock-up kien f'sitwazzjoni agħar. Kien jikkonsisti f'26 ċella mdeffsin f'tnejn mill-imħażen li semmejt. L-ebda waħda miċ-ċellel ma kellha aċċess dirett la għall-arja u lanqas għad-dawl naturali. Ma kien hemm l-ebda faċilita' sanitarja fl-ebda ċella.

Fl-1994 Qorti Maltija f'kaz li ġara fl-1986, qalet hekk:-

"Il-Qorti kienet preokkupata bil-kondizzjoni fil-Lock up fil-kwartieri Ġenerali tal-Pulizija li fil-fema konsiderata tagħha hi tali li, fil-kumpless tagħha, tista' tiġi kwalifikata li tirrazenta ambjent li jiddegrada l-persuna u l-personalità umana" Il-Qorti osservat li wara li kienet zaret il-Lock up, kienet tal-fehma li

"hemm diversi fatti li immedjatament u ovvjament jirriżultaw ripunjanti għal min hu sensittiv għat-trattament dekoruz tal-persuna umana u dana f'termini bazici" (Joseph Azzopardi vs Kummissarju tal-Pulizija et)

Il-Qorti ikkritikat id-dawl ferm ristrett taċ-ċella, in-nuqqas ta' servizzi sanitarji, in-nuqqas ta' arja u dawl dirett, u nuqqas ta' ventilazzjoni. Kienet zjiedet il-Qorit:

"iċ-cella hi nieqsa mid-dawl u arja tant li d-detenut jinzamm il-ħin kollu illuminat artifiċjalment, qisu tiġieġa għall-produzzjoni".

Fir-Rapport tiegħu tal-1990, il-Kumitat tal-Prevenzjoni mit-Tortura (CPT) osserva hekk dwar l-istess post:-

"The cells are very small, poorly lit, and oppressive in design"

u kkundanna iktar il-fatt li dal-post, li bil-kemm kien diċenti għal min joqgħod fih għal-48 siegħa, kien 'jospita' fih l-immigranti illegali li ġieli kienu jqattgħu xhur sħaħ ġo fih.

Fl-1995, iċ-CPT reġgħet qalet:-

'The Committee wishes to stress that the lock-up cannot be said to provide satisfactory conditions of detention for persons held for police questioning.'

Quddiem dan kollu, il-Kabinett ħa deċizjoni għaqlija fl1995 li jibni dan il-kumpless u fil-Budget għas-sena 1996 ġiet ivvutata is-somma rekord ta' Lm800,000 bħala spiża kapitali għall-Pulizija li kellha tkopri parti mill-ispiża tal-bidu tax-xogħol tal-kumpless ġdid. Illum dan il-kumpless sejjer mhux biss jelimina il-problemi li kienu jħammrulna wiċċna bħala pajjiz ċivilizzat, izda wkoll se jospita f'ambjent ta' xogħol ħafna aħjar, l-uffiċini tal-iskwadri u taqsimiet speċjali tal-Korp tal-Pulizija.

L-investiment ta' dan it-tip għandu żewġ merti. L-ewwelnett qed intejbu l-ambjent tax-xogħol tal-Pulizija tagħna, mill-kbir sa ż-żgħir. Dan għandu jzid is-sodisfazzjon tal-membri tal-Korp fix-xogħol tagħhom, u l-produttivita' tagħhom. It-tieni nett qed nuru lil kulħadd li l-Pulizija tal-lum, filwaqt li hija impenjata fiż-żamma tal-liġi u ta' l-ordni u il-ġlieda kontra 'il-kriminaltia', hija kommessa ukoll li dil-ġlieda issir bil-mezzi u bis-saħħa tal-liġi u tal-ħarsien tad-dinjita' tal-bniedem.

Winston Churchill kien qal:

'The mood and temper of the public with regard to the treatment of crime and criminals is one of the most unfailing tests of the civilisation of any country'

Jekk dan hu minnu għal detenzjoni f'ħabs ta' persuni kundannati mill-Qorti, kemm iktar hu validu għal detenzjoni ta' persuna arrestat li hija biss sospettata li ikkommetttiet delitt. F'dan l-istadju preliminari ta' investigazzjoni, il-preżunżjoni ta'

**SPECIAL OFFER till 31st August 2001**

# No gimmicks, No penalties, Just a great low rate



Now you can get a home loan at a unique rate of only 6% p.a. interest on the first Lm20,000 and 7.25% p.a. on the remaining balance.

APS Bank is offering attractive repayment terms, exclusive benefits and the best possible options for your home loan.

**6% INTEREST p.a. on the first Lm20,000**

**Take advantage while you can.**

**Call us today on**
**243 243**
and ask for more details.

APS BANK

**Home Loans**

***Applicants for loans greater than Lm25,000 can benefit from the APluS Account special package***

l-innocenza hu iktar qawwi, u għalhekk ma jrid isir b'xejn li bih persuna arrestata tiġi deliberatament jew intimidata, anki bil-kundizzjonijiet materjali ta' l-ambjent ta'detenzjoni tagħha.

Dan kollu jista' jidher bħala tfettiq jew dgħufija minn min il-ġlieda kontra il-kriminalita' qisha bħala ġlieda li tiġġustifika kollox u tgħatti id-dnubiet kollha. Jiena ma nqishiex hekk. Il-Gvern ma jqishiex hekk. U għalhekk se ninawguraw illum dan il-kumpless li se jsaħħah il-ġlieda kontra il-kirminalita', pero' se joffri dinjita' li kull min igħammar jew jaħdem f'dal post, uffiċjali tal-Pulizija jew ċittadini privati.

Ir-responsabbilita' tal-ġlieda kontra il-kirminalita' ma hiex tal-Pulizija biss; hija tal-leġislatur, tal-amminsitrazzjoni u fl-aħħar mil-aħħar tagħna lkoll.

Irrid ngħid illi il-Pulizija wettqet suċċessi mhux zgħar fil-ġlieda kontra il-kriminlita' b'mod speċjali dik konnessa mad-droga. Insemmi biss li fl-ewwel sitt xhur ta' dis-sena ġew mressqa il-Qorti 268 persuna fuq posess, zjieda ta' 34% fuq is-sena l-oħra kollha, 140 fuq traffikar, zjieda ta' 28% fuq tnax-il xahar tas-sena l-oħra, ġew arrestati fl-ewwel sitt xhur daqs kemm ġew arrestati is-sena kollha. Ingħataw 271 sentenza f'sitt xhur, is-sena li għaddiet fi tnax-il xahar 254. Nieħu gost ukoll ninnota li fl-ewwel sitt xhur ta' din is-sena ġie registrat kull xahar tnaqqis fiċ-ċifra ta' reati rapportati lill-Pulizija komparat mas-sena li għaddiet.

Fis-26 ta'Ġunju 2001 il-Gvern wara li kien ippublika White Paper f'Ottubru 2000, ipprezenta fil-Parlament Abbozz b'155 klawsola li jwettaq revizjoni sħiħa tal-Kodiċi Kriminali. Din ir-revizjoni tintrouċi għall-ewwel darba ir-reat ta' konġura, dak ta' asoċjazzjoni biex wieħed iwettaq reat. l-użura, it-traffikar illegali ta' persuni umani, il-mibegħda razzjali il-pornografija tat-tfal it-trasmissjoni doluża ta' mard infettiv, ir-reat ta' korruzzjoni fis-settur privat, ir-reat speċifiku ta' moħqrija jew traskuraġni tat-tfal, ir-reat ta' min iwiegħed vantaġġ mhux xieraq lil ħaddieħor, ir-reat ta' min ma jħallasx il-manteniment li jkun ftiehem ma' martu.

Se nsaħħu il-posizzjoni tal-vittma tar-reati li għall-ewwel darba se jkollha d-dritt li tkun prezenti f'kull stadju tal-proceduri kriminali u anki tkun assistita minn avukat fil-maġġoranza tal-każi. Barra minn hekk tkun tista' tagħmel it-talba lill-Avukat Ġenerali sabiex jappella minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

L-Avukat Ġenerali se jingħata id-dritt li jappella minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati. Se jkollu ukoll id-dritt li jitlob il-Qorti tawtorizza investigazzjonijiet sepċjali, iffiżar u konfiska ta' assi f'reati ta' iktar minn sena priġunerija.

Irridu pero' nzommu il-bilanċ bejn id-drittijiet tal-individwu u dawk tas-soċjeta'. Għalhekk għall-ewwel darba, kull arrest jew tfittxija, ħlief f'każijiet urġenti, biex isiru, irid ikun hemm mandat 'warrant' ta' Maġistrat. Il-persuna arrestata se jkollha dritt li permezz tal-Pulizija tkkomunika il-fatt tal-arrest tagħha, jekk trid hi, lill-qraba tagħha. Se jkollha d-dritt li tiġi eżaminata waqt li tkun arrestat f'dal-kumpless li se nifthu illum, minn tabib tal-għażla tagħha u fuq kollox se jkollha dritt li tikkonsulta ma' avukat tal-għażla tagħha għal siegħa qabel il-interrogazzjoni tagħha.

Il-Liġi tal-liberta' provvisorja qed tiġi mibdula sabiex sa mill-ewwel seduta anki fuq talba verbali, tista' tintalab il-liberta' provvisorja. Barra minn hekk il-prattika tal-'habeas corpus' qed tiġi inkorporata fil-liġi.

F'dawn l-aħħar tliet snin il-Gvern zjied l-ispiza kapitali b'40% fl-ewwel budget ta' din il-leġislatura u zamm il-livell tal-vot għal spiza kapitali fuq l-istess livell għal tliet snin. Dana kien ifisser illi l-ispiża konnessa ma' dan il-kumpless li laħqet kważi il-miljun lira (Lm 900,420) ma tippreġudikax ix-xiri ta' tagħmir u vetturi għall-ġlieda kontra il-kriminalita'. Nieħu gost inħabbar illi inxtrat magna kompjuterizzata ġdida li tqabbel id-data tal-fingerprints f'idejn il-Pulizija, tagħmir li għandu jħalli r-rizultati fil-futur qarib.

Barra minn dana l-ispiza rikorrenti tal-Pulizija zdiedet b'26% fi tliet snin, filwaqt illi saru tliet reklutaġġi u għadu kif fetaħ ir-raba' wieħed. F'dawn l-erba' reklutaġġi l-applikanti għall-ewwel darba kellu jkollhom mill-inqas tliet 'O' levels bil-Matli u Ingliż obbligatorji u fl-aħħar reklutaġġ it-tul, għalkemm jittieħed in konsiderzzjoni m'għadux fattur ta' eliġibilità. Il-kumpless il-ġdid li se ninawguraw huwa importanti. Iżda l-ebda bini waħdu ma jilħaq l-iskop tiegħu jekk in-niew li jkun hemm fih u juzawh ma jkunux motivati fix-xogħol tagħhom. U l-ebda Pulizija waħdu u l-ebda skwadra waħedha ma jistgħu jilħqu l-għan tagħhom jekk ma jkollhomx il-fiduċja tal-pubbliku. Dik il-fiduċja mill-istudji ta' stħarriġ għadha hemm, iżda trid tinkiseb u tintrebaħ kuljum. Tinkiseb bid-dixxiplina, bl-eżempju,bil-mod kif il-Pulizija jittrattaw man-nies, anki dawk li jiksru il-liġi. Li wieħed ikun goff mal-pubbliku jagħmel ħsara daqskemm tagħmel ġid azzjoni, mqar żgħira, ta' solidarjeta' umana li ħafna Pulizija juru mal-membri tal-pubbliku fil-mument meta dawn ta' l-aħħar l-iktar li jkunu mxennqa għal ħniena u mogħdrija. Il-vizjoni tiegħi tal-Pulizija ma hiex ta' Pulizija vendikattiva izda ta' waħda li twettaq il-liġi mingħajr biza' u favuri, iżda wkoll mimlija kompresjoni. J'Alla dal-pass importanti li qed nieħdu illum iwettaq din il-vizjoni.

It-Tlieta 10 ta' Lulju, 2001


CISK
CISK
gottagetacisk


You haven't experienced Malta, until you've experienced it
UNDER SIEGE
Europe's most exciting walk-through adventure
The Great Siege Experience takes you on an exhilarating journey through time. You'll be attacked by Saracens. Meet saints and holy men. Sail with the Turkish invaders. Fight with the Knights. Face cannon and shot. And much much more...
The Great Siege of Malta
& The Knights of St. John
All in 45 action-packed minutes, in a breath-taking, high-tech, 3-D, walk-through adventure. Feel the fear. The exultation. Enjoying every minute of it. It's as close as you'll get to being there. Where else... but in the centre of Valletta.
Open daily Monday to Sunday
From 9.00 a.m. to last admission at 4.00 p.m.
Under the Patronage of His Most Eminent Highness The Prince and Grand Master of the Order of St. John, Fra' Andrew Bertie.
Café Premier Complex Republic Square, Republic Street, Valletta, Malta.
Tel: 247300/237574 Fax: 244986 E-mail: cities@maltanet.net http://www.cities.com.mt/great-siege

# Tlett Spetturi Jigradwaw B'M.Sc fil-Criminal Justice Studies mill-Universita' ta' Portsmouth



Tlett Spetturi tal-pulizija, Noel Cutajar, Mary Muscat u Mario Spiteri, nhar it-Tlieta 10 ta' Lulju ggradwaw b'Master of Science (M.Sc) fil-Criminal Justice Studies mill-Universita' ta' Portsmouth, fl-Ingilterra.

Din hi l-ewwel darba li fizzjali tal-pulizija ggradwaw fis-suġġett minn Universita' barranija. Ir-riżultati miġjuba kienu fost it-tajbin, fil-fatt l-Ispettur Mario Spiteri ġab ukoll distinction, u kien l-Ispettur Spiteri u student Ingliż li laħqu dan il-livell fost 44 kandidat.

L-istudji tagħhom, li nbdew f'Ottubru 1998, inkludew suġġetti bħal criminology, penal systems, criminal justice process, policy management and accountability, testimony and identification, interviewing techniques, victimology, crime prevention, u metodi ta' riċerka. Matul l-istudji tagħhom huma kellhom joqgħodu wkoll għal eżami bil-miktub li sar fl-Ingilterra stess kif ukoll preżentazzjoni ta' teżi. Is-suġġetti magħżula għat-teżijiet kienu l-liġi ta' l-estradizzjoni, il-vittmi tar-reati, u l-istorja tal-liġi ta' l-istampa. Il-finanzjament kollu ta' l-istudju kien wieħed personali.

Ta' min jgħid li t-tlett spetturi ggradwaw flimkien għall-ewwel darba għaxar snin ilu bil-BA (General) mill-Universita' ta' Malta f'Novembru 1991. L-Ispettur Noel Cutajar hu stazzjonat fid-Dipartiment ta' l-Investigazzjoni Kriminali u għandu BA fil-Psikoloġija u Soċjoloġija. L-Ispettur Mary Muscat hi l-manager tal-CMRU u ggradwat b'BA first class fl-Istorja u



Contemporary Mediterranean Studies, BA (Honours) fil Ġografija (1993), Postgraduate Diploma b'dinstinction fl-Environmental Management (1994), Ċertifikat b'distinction fil-Kriminoloġija (1996), u Diploma fil-Police Studies (1997), ilkoll mill-Universita' ta' Malta. L-Ispettur Muscat serviet ukoll fl-Għassa tal-Belt Valletta. Kemm l-Ispettur Cutajar kif ukoll l-Ispettur Muscat inħatru Spetturi f'Lulju 1997.

L-Ispettur Mario Spiteri jagħmel parti mill-Istrategy and Planning Unit. Hu ggradwa b'Diploma Public Health Inspector mir-Royal Society of Health (1985), b'BA fl-Għarbi u l-Malti (1991), Ċertifikat fil-Kriminoloġija (1996) u Diploma fil-Police Studies (1998). Hu ħa l-ġurament ta' Spettur tal-Pulizija f'Novembru 1993 u serva fl-Għassa tal-Belt Valletta u l-Interpol.

Fil-prezent, it-tlett spetturi qed isegwu l-kors tal-liġi fl-Universita' ta' Malta u huma sponsorjati mill-Korp tal-Pulizija.

Jikseb il-grad ta' Master of Science (bl-Unuri) fl-Istdju dwar il-Ġustizzja Kriminali

L-Ispettur Mario Spiteri, kiseb il-grad ta' Master of Science in Criminal Justice Studies mill-Universita' ta' Portsmouth, wara li segwa kors ta' sentejn part-time ma' din l-Universita'. L-Ispettur Spiteri kiseb dan il-grad b'Distinction.

Il-korst li sar fuq inizzjativa personali ta' l-Ispettur Spiteri stess, kien jikkonsisti f'diversi study units relatati mas-suġġett, fosthom Kriminoloġija, Studji Penali, Xjenzi tal-Pulizija kif ukoll eżami li sal l-Ingilterra. Bħala teżi sabiex jikseb il-grad finali, l-Ispettur Spiteri għażel bħala suġġett l-'Estradizzjoni' fejn ix-xogħol tiegħu "Extradition - A study from a historical perspective on specific problems and deficiencies encountered in extradition practice with special reference to Malta", kellu tifħir mill-eżaminaturi Ingliżi. Il-gradwazzjoni uffiċjali se ssir f'Pourtsmouth fl-Lulju li ġej.

L-Ispettur Spiteri daħal fil-Korp tal-Pulizija bħala Uffiċjali Kadett u sar Spettur sena u nofs wara. Huwa ħadem fid-Distrett Nru. 1, fit-Taqsima tas-Sigurta' (Interpol) u filt-Taqsima ta' l-Istraġija u Ippjanar fil-Kwartieri Ġenerali. Huwa ħa l-edukazzjoni tiegħu fl-Iskola Primarja ta' Raħal Ġdid, fl-Iskola Sekondarja San Ġużepp, Raħal Ġdid, fl-Iskola Sekondarja Għolja tal-Belt u fl-Universita' ta' Malta fejn fl1991 iggradwa Bachelor of Arts fl-Gharbi u Malti u fl-1998 kiseb Diploma in Police Studies. Bhalissa qiegħed sponsorjat mill0Korp tal-Pulizija, isegwi kors full-time fil-Liġi fl-Universita'.





# L-Għibien ta' Paul Mizzi mir-Rabat Għawdex

*INVESTIGATURI:*
*L-Assistent Kummissarju Michael Cassar • Is-Supretendent Daniel Gatt • L-Ispettur Sharon Tanti*

Fit-12 ta' Ottubru ta' l-1988 il-Pulizija tar-Rabat Għawdex, daħlilhom rapport li ċertu Paul Mizzi ta' 23 sena mill-istess lokalita' kien ghadu ma rritornax lejn id-dar.

Ir-rapport kien jghid li Mizzi kien ħareġ bil-mutur ta' ħuh Bertu li kien iġib in-numru P-2423, tal-marka Honda Scrambler, mudell XL250cc u ta' lewn iswed bl-abjad.

Immedjatament il-Pulizija infurmaw lill-Forżi Armati li min-naħa tagħhom kienu bdew tfittxija permezz tal-helicopter fil-partijiet fejn seta' kien mar Mizzi. Paul Mizzi fil-fatt kien magħruf li kien iħobb imur jiskrambilja bil-mutur.

Irid jingħad li meta kien sar ir-rapport, jiġifieri fit-12 ta' Ottubru minn Marcel Mizzi, missier Paul kien irrapporta li t-tifel kien ilu jumejn nieqes mid-dar, jiġifieri mill-10 ta' Ottubru ta' l-istess sena. Il-ħin li fih deher l-aħħar kien għal ħabta tas 1.00 ta' wara nofsinhar.

Mid-deskirzzjoni li kienet ingħatat ta' Paul Mizzi, dan kellu tul ta' madwar metru u 80 ċentimetru, għajnejn kannella, xagħar iswed innukklat, b'karnaġġjon samrani. Fil-ħin li kien rappurtat nieqes hu kien liebes shorts aħmar, żarbun abjad u qmis bil-kmiem qosra. Kien rappurtat ukoll li meta kien nieqes, l-aħħar li deher kien liebes crash helmet ta' kulur ċelesti.

Saru diversi tfittxijiet f'partijiet remoti ta' Għawdex, kif ukoll investigazzjonijiet mill-uffiċċju tal-passaporti u fir-rekords tal-Pulizija ta' l-Emigrazzjoni. Dan biex ikun stabblilit jekk effetttivament Paul kienx ħalla Malta. Irriżulta li l-passaport li kellu kien ħallih id-dar u saru tfittxijiet manwalment f'mhux anqas minn 3,800 applikazzjoni ta' passaporti pero' ma rriżultax li Mizzi kien qatt ingħata xi passaport ieħor.

Mir-rekords tal-Pulizija lanqas ma rriżulta li Mizzi kien telaq minn Malta, għallanqas b'mezzi legali. Lanqas ma rriżulta li l-mutur ta' ħuh li kien telaq mid-dar bih kien, b'xi mod ħalla l-gżira Għawdxija. Paul jidher li kellu fuqu Lm5 biss u m'hemm xjen x'jindika li Paul Mizzi kien qasam lejn Malta fil-jiem li fihom kien rappurtat nieqes.

Kienet ħarġet ukoll, ċirkolari mill-Pulizija biex tinforma lill-Għases kollha bl-għibien taż-żagħżugħ Għawdxi. Fiċ-ċirkolari kien hemm inkluż ritratt ta' l-istess Paul Mizzi biex jekk tidħol xi informazzjoni dwaru mill-pubbliku, l-informazzjoni eventwalment twassal għas-sejbien tiegħu. Minkejja dan kollu pero', jidher li baqgħet ma daħlet l-ebda informazzjoni dwar fejn seta' kien Mizzi.

Inħareġ ukoll avviż li kien ċċirkolat mal-pajjiżi membri fl-Interpol rigward in-nuqqas ta' Paul Mizzi. Fl-avviż ingħatat deskrizzjoni personali kif ukoll taċ-ċirkostanzi tal-għibien tiegħu. F'dan il-każ ukoll, sal-lum ma kien hemm l-ebda risposta min-naħa ta' l-aġenzija internazzjonali tal-Pulizija, Interpol dwar dan.

Minn dak li kien rappurtat, Mizzi qatt qabel din id-data ma kien rappurtat nieqes mid-dar, kif lanqas ma jidher li kellu xi problemi familjari.

Fl-ebda żmien, lanqas ma jindika li Mizzi kellu xi konnessjoni mal-Pulizija.

Il-koppja Mizzi mir-Rabat Għawdex kellhom sebat itfal. Paul kien il-ħames wieħed wara tlett ibniet u tifel ieħor. Warajh twieldu tnejn oħra, tifla u tifel.

Xi żmien qabel l-għibien tiegħu, Paul kien mar jgħix għal perjodu ta' madwar sentejn fi New York, fl-Istati Uniti fejn hemmhekk hemm tgħix oħtu l-kbira. Meta ġie lura Malta, kompla jgħix fid-dar tal-ġenituri tiegħu. Jaħdem ma kienx, ħbieb intimi ma kellux u wisq anqas ma kien qed joħroġ ma' xi tfajla bis-serjeta'.

Missier Paul sostna li ibnu qatt ma kien qal li jrid jerġa' jmur l-Amerika għalkemm darba kien wera x-xewqa li jmur l-Awstralja. Dan pero' ma setax sar, almenu b'mod legali għaliex il-passaport ta' Paul kien tħalla fil-kexxun tal-kamra tiegħu, d-dar.

Paul kien iħobb ħafna l-muturi u missieru kien sar jaf b'dan minn dawk li kienu jafu lill-ibnu. Fil-fatt, Paul kien iħobb imur scrambling bil-mutur.



Wied il-Mielaħ, il-Qbajjar, Marsalforn fejn jingħad li kien imur isuq bil-mutur Paul Mizzi



The Best Offers
for contract subscribers
New tariffs from go mobile
On the go
reduced monthly rent
Lm8
20 mins., free in bundle
Business go
reduced monthly rent
Lm18
120 mins., free in bundle
go Together
reduced monthly rent
Lm8
30 mins., free in bundle
Callme
continue to benefit from go mobile's Callme feature - a 50c discount on your monthly bill for every 30 minutes of calls you receive.
SMS
2c per message - the best value in Europe.
IOD
free Information on Demand - news, sports, business, weather reports & more...
go Data
go Online
Solutions by NORTEL NETWORKS™
Get connected to go mobile and avail yourself of superior digital mobile communications solutions provided by Nortel Networks.
www.nortelnetworks.com
go mobile
Always the better value
go mobile • fra diego street • marsa • hmr12
tel • 246200 e-mail • gocare@go.com.mt
www.go.com.mt
go mobile retail outlets: Valletta • Marsa • Sliema • Msida • Fgura • Victoria (Gozo)

## Rapport dwar it-telefonati li daħlu mill-pubbliku

L-għibien ta' Paul Mizzi f'Għawdex

| | |
|---|---|
| Telefonati li daħlu waqt il-programm | 25 |
| Telefonati konnessi mal-każ | 19 |
| Telefonati dwar każijiet oħra | 06 |
| Persuni li qalu min kienu | 03 |
| Persuni li baqgħu anonimi | 22 |
| Dawk li ċemplu - Nisa | 06 |
| Dawk li ċemplu - Irġiel | 19 |
| Persuni Suspettati li kienu ddentifikati b'isimhom | 02 |

## Kummenti ġenerali li daħlu dwar il-każ

Diversi persuni xtaqu jkunu jafu aktar kemm kien fid-dettal ix-xogħol tal-Forensika għaliex skond huma, jemmnu li kieku l-l-affarijiet ittieħdu bis-serjetà, xi ħjiel dwar il-każ kien ikollhom żgur. Fost dawn kien hemm ukoll min staqsa għaliex f'dan il-każ ma ntużax xi tip ta' robot speċjalizzat f'operazzjonijiet simili, kif intuża fil-każ tat-Taljan li ġara riċentament.

Oħrajn issuġerew li meta f'xi programmi, ikunu qed jiġu trattati każijiet simili minn ħin għal ħin, għandu jidher ir-ritratt tal-persuna konċernata, kif ukoll li l-istess ritratt jidher frekwentamenet fuq il-gazzetti. Telespettaturi oħra staqsew lil Pulizija kemm fil-fatt huma, jiġifieri l-Pulizija għamlu tfittix tajjeb għal Paul Mizzi, aktar u aktar meta uħud stqarrew li huma (il-pubbliku) diġa' taw dettalji eżatti ta' fejn jinsab il mutur tiegħu fil-baħar, iżda ħadd mill-Pulizija ma indenja ruħu jinvestiga fit-tul din l-informazzjoni utli li kient ingħata.

## Statistika ta' persuni rappurtati nieqsa f'Malta

Perjodu 1970 - 1998

| | |
|---|---|
| Maltin | 17 |
| Barranin | 16 |
| Nisa | 05 |
| Irġiel | 28 |
| Eta | Minn 8 snin sa 64 sena |
| Total | 33 Persuna |

Marcel Mizzi jemmen li ibnu seta' waqa' minn fuq xi rdum għal ġol-baħar bil mutur b'kollox. Fost l-inħawi favoriti ma' Paul għal dan id-delizzju kien hemm Marsalforn, Wied il-Għasri u x-Xlendi.

Jingħad li darba ħabib ta' Paul kien qal lil missieru li l-għada li Paul għeb, jiġifieri fil-jum tat-Tlieta 11 ta' Ottubru, hu kien qed jixrob miegħu f'Marsalforn. Dwar dan il-missier qal li ma jaħsibx li dan kien minnu.

Minn dak li kien intqal joħroġ ċar li l-aħħar darba li Paul Mizzi deher ħaj kien tard wara nofsinhar ta' 10 ta' Ottubru ta' 1988. Dakinhar hu kien intlemaħ minn ħuh stess, John waqt li kien sejjer bil-mutur, mid-dar lejn iċ-ċentru tar-Rabat. Kien intqal ukoll li lil Paul kienu rawh ġurnata wara f'Marsalforn, iżda dan la seta' jkun konfermat mill-Pulizija u wisq anqas mill-familja Mizzi.

l-uniku konferma li hemm minn missier Paul hi li fil-jum tat-Tnejn 10 ta' Ottubru, Paul, kif kien jagħmel is-soltu, wara l-ikel ħareġ mid-dar. Peress li hu ma kienx jaħdem, Paul jew kien imur jgħum, inkella jmur sal-każin Astra. Dakinhar Paul kien mar il-każin u diversi nies kienu qalu li Mizzi kien baqa' hemm sa xi t-3.00 ta' wara nofsinhar.

Jidher li mill-Astra, Paul telaq lura lejn id-dar, fejn f'dak il-ħin ma kien hemm ħadd. Jista' jkun li baqa' hemm għal xi ħin, iżda għall-ħabta tal-5.00 ta' wara nofsinhar reġa' ħareġ, din id-darba bil-mutur ta' ħuh Bertu. Kien f'dak il-ħin li ħuh lemħu sejjer lejn iċ-ċentru tar-Rabat. Minn hemm 'il quddiem, jidher li ħadd ma reġa' ra aktar lil Paul Mizzi.

Omm u Missier Paul, proprju 10 snin wara dan l-għibien misterjuż, għadhom qed jittamaw li xi darba għad jerġgħu jaraw lil binhom wara l-bieb tad-dar tagħhom.

# THE SWISS GUARD AT THE VATICAN

## Bodyguards of the Pope

During the Holy Year of the Millennium, the Pope played a central role in the celebrations held by the Catholic Church and the Christian community. No less central is the role played by the Swiss guard in ensuring his security and well being. The Swiss Papal guard at the Vatican in Rome holds the distinction of being the world's smallest army, as well as the world's longest-serving unit of soldiers in Foreign Service. As an Army it is unique in that the Swiss Guard has served as the personal bodyguard of the Pope for almost five centuries and continues this duty today. The unit possesses a long, colourful history with traditions dating back to the Middle Ages, but fulfils an important real world security mission today for a major secular and spiritual head of state.

In terms of heritage, the guard was founded in 1506 at the height of Swiss military primacy in Europe. During this period, the Swiss were in high demand to serve as mercenaries in the European armies of the era. Their military prowess, trustworthiness, loyalty, and battlefield reputation were extraordinary, and they served as the palace and personal bodyguards for various European sovereigns. The Papacy was no exception to this trend. Impressed by their activities, Pope Joules II created his own unit of approximately 150 Swiss bodyguards in 1506.

In 1527, the Swiss guard had the opportunity to demonstrate its loyalty to the Pope in battle. In this year, an army of German mercenaries fighting for the Holy Roman Emperor Charles V attacked Rome to plunder the Vatican and kill the Pope. On 6 May 1527, the Guard fought a fierce, rearguard action that allowed the Pope to flee across a passage to another, more secure fortress in Rome. In this action, 147 out of 189 Swiss guardsmen gave their lives for the Pope, and this event is celebrated annually by the Swiss guard to commemorate the battle. On this day, every serving Swiss Guardsman renews his oath to remain "true and honourable to the Pope and give his own life to this duty if necessary". All new recruits ledge to "lay down their life, if necessary, in defence of the supreme pontiff ... and his legitimate successors." Although several other military units have served the Papacy at different times over the past 500 years, the Swiss Guard alone remains in service. This was mandated in 1970, based upon the guard's historical link with the Vatican, its religious orientation, and its mission of providing personal security for the Pope.

## The Modern Day Mission

The Swiss guard's purpose today remains basically unchanged since its founding. Besides being the Vatican's titular Army, the unit's main mission is to guard and protect the Pope and ensure his personal safety and the security of his residence on a 24 hour basis. The following tasks are closely associated with this mission:

- Personal Protection Tasks: Escorting the Pope on his journeys abroad, protecting him and controlling personal access to the Pope at all times.
- Guard and Control Duties: controlling entry and exit in the Vatican, crowd control for Vatican public functions, and keeping order at Papal internal events.
- Ceremonial Duties: Performing formal duties for church functions and honouring visiting dignitaries.
- Performing other military duties as required.

Although ceremonies play a large, time-consuming role for the Guard, their core mission is a paramilitary function with primary emphasis on the personal security of the pope. Regular police duties and other law enforcement functions are performed by a small, unrelated Italian organization within the Vatican City.

## The Unit's Structure

Organizationally, the Swiss guard normally has a fixed strength of 100 men, organized into three platoons of approximately 30 men. To meet the additional security requirement of the Holy See for the Year 2000, at this authorized headcount has been increased to a strength of 110 soldiers. The Guard is commanded by a colonel who has three Officers, vice senior non-commissioned Officers, and 18 junior non commissioned Officers to assist him. The Colonel is considered a member of the Papal family and therefore enjoys great prestige and privileges within


Need a break?
we offer just what you need
• Special rates for short and long breaks
• Use of pools including buffet lunches
• Conference facilities
• 3 outdoor pools one with seperate childrens section
• 1 large indoor pool (heated in winter) with seperate children section
• Private sandy beach with watersports and scuba diving
• Games rooms and playing field with soft flooring
• Bistro offering snacks
FENECH
PARADISE BAY HOTEL
★★★★
Cirkewwa
MALTA
Tel: 573981/8, Fax: 573115
Email: paradise@global.net.mt, Website: www.paradise-bay.com

the Vatican hierarchy. There is also a chaplain who holds the rank of Lieutenant colonel for the religious training and support of the Guardsmen.

Each candidate for the Swiss Guard must meet several prerequisites before being considered for admission into this elite unit. He must be an unbarried, Catholic, Swiss citizen between the ages of 19 and 30. He must be physically fit, have completed Swiss basic military training, and have a minimum height of five feet nine inches. With regards to education, he must possess an apprenticeship certificate of a Matura Diploma. Upon meeting these basic prerequisites, the prospective recruit is interviewed concerning his motivation ad reasons for joining and his past involvement in he Catholic Church. This is followed by an examination of his medical condition. Once accepted, the Guardsman commits himself to a minimum of two years of service.

### Training

All Swiss Guardsmen have a 15-week Swiss military basic training as a foundation. In addition to his cornerstoned, the Guardsman will receive two to three additional weeks of initial Swiss guard specific recruit training at the Vatican. This phase includes unarmed self-defence, tear gas usage, weapons training with assault rifled, submachine gun and pistols, as well as halberd training for ceremonies only.

Additionally, the new Swiss Guard recruit must learn the basic knowledge concerning the Vatican, to include city layout, history, access control information, and Vatican key personnel recognition. Basic Italian language instruction is a further critical component of training given the frequent contact with the Italian public and Vatican hierarchy. This language training is offered throughout the Guardsman's tenure at the Vatican and regular refresher training is given by the Guard cadre throughout the year in he areas of weapons, self-defence, and Vatican knowledge. Two to three times per year, the Swiss Guard attends an Italian military base for weapons training and receives additional support when necessary from the Italian Police and the paramilitary Carabinieri.

### Duties

A Guardsman's normal duty cycle is two days on and one day off, although special duties often preclude having a day off. Typically, two platoons are on duty, with the third platoon either free or used reinforcements for the other two. Variations to the duty cycle occur regularly based upon Vatican events and the Pope's agenda.

Guard duty also differs between a winter and summer organization when the Pope resides in Castle Gandolfo during the summer months. Guard posts, both stationary and mobile, are located throughout the Vatican for protection and access control purposes.

When the Pope travels abroad, he is accompanied by a contingent of officers for protection. In this capacity, the Swiss guard Officers wear civilian clothing and carry SIG 226 9mm pistols. Of course, the government hosting the Vatican visit also provides additional protection for the Pontiff, but the Swiss guard remains responsible for his direct personal safety.

A Swiss Guardsman is adequately paid for his duty and has the opportunity to receive a lifetime pension after either 10, 15, or 20 years of service. The Vatican housing, food, medical insurance, uniforms, and equipment, plus a fully paid one-month vacation for each year of an officer's service. As an additional benefit, Swissair provides all Guardsmen with a 50% reduction on their round trip flights from Rome to Switzerland for their holidays.

### Weaponry

In terms of weaponry, the Swiss Guard is reticent about revealing the full extent of this arsenal. Guardsmen typically train on the 7.5mm SIG 57 assault rifle as well as the 9mm Beretta M12 submachine gun. For handguns, the Swiss guard uses the 9mm SIG 226 and an undisclosed type of Beretta pistol. The deep pockets of the Guard's colourful blue and yellow striped trousers have space for tear gas spray for situations requiring non-lethal force. All guardsmen learn a mix of karate and judo as part of their unarmed combat training.

The most recently publicized security incident for the Swiss guard occurred in 1981 when the international terrorist Ali Agca tried to assassinate the Pope in St. peter's Square, Rome. Fortunately, a Swiss guardsman overwhelmed him before he could complete his attempt. Thus, although the Swiss Guard may seem like ceremonial tiny soldiers to the general public, they are, in reality, a well trained and highly motivated paramilitary unit. The Swiss Papal guard serves as the defence force for the world's smallest country, and guarantees the personal safety of one of the world's most important and well known religious figures – at times a daunting task in a world filled with terrorists and fanatics.

# CASE OMBUDSMAN NOTES

**Case No 2666**

**POLICE**

**ISSUE OF LICENCE TO CATERING ESTABLISHMENT**

A number of residents complained with the Commissioner of Police for having authorised the inclusion of 'use as snack bar' in addition to the wine and spirit licence issued to the owner of a retail outlet in their neighbourhood.

It was confirmed that the retailer had applied to operate as a snack bar way back in May 1996. The advice of the Police Licences Advisory Board (PLAB) was sought, the change was refused after establishing that the smell would cause an inconvenience to neighbours and the installation of a chimney would prevent them from using the roof.

An Appeal filed in May 1997 from this decision was not upheld by the Police Licence Appeal Tribunal (PLAT). The reason for refusal was that the premises were small, with limited ventilation and inappropriate for cooking and preparation of food.

Some weeks later applicant requested again the Commissioner of Police to issue the licence claiming that the Planning Authority, the Ministry for the Environment and the Mosta Local Council had cleared his application. He stated that in the meantime he had installed equipment to eliminate the inconvenience as instructed by the Health Authorities, however the refusal decision remained. In a further attempt submitted in September 1997 to the Appeals Tribunal applicant argued that he had invested heavily following the approval by the Planning Authority and when board members revisited the place they were convinced the odours had been eliminated. The matter was referred back to the Commissioner advising time that in view of the alterations carried out, the Advisory Board was now recommending the issue of licence.

Complainants filed a fresh appeal to the Appeals Tribunal, whose members visited the residences of objectors in February 1998, but no decision was communicated to appellants. Complainants submitted their case to the Ombudsman in August 1998. It was then established that the Chairman of the Tribunal had resigned, and it was therefore not holding any meetings. From the Ombudsman's investigation the following points emerged:-

a) applicant's request had not been addressed to the Appeals Tribunal, but to the Advisory Board who recommended the issue of licence;

B) the Appeals Tribunal, according to established procedures, should not deal again with a case on which they had already made a decision; and

c) as the Advisory Board held that the previous inconveniences were eliminated whilst complaining neighbours contended otherwise, a solution may be for the Commissioner of Police to appoint one or more technical experts in order to act on their advice.

On July 1998 the newly constituted Tribunal reconsidered the case and reported to the Commissioner of police that they felt it was not prudent to consider the merits of the case afresh but endorsed the the previous Tribunal's recommendation that a technical expert R experts should be appointed and the commissioner would act according the their findings.

The bureaucratic attitude adopted in this case attracted the criticism of the Ombudsman, in that the Appeals Tribunal failed to deal with the appeal but made a suggestion to appoint technical experts whereas the commissioner of Police claimed impotence in the absence of a decision by the Tribunal. The Ombudsman noted that the case involved two applications, the one filed in May 1996 which was refused by the PLAB and confirmed by the PLAT. The second application made in September 1997 had been approved on the recommendation of PLAB but had been approved on the recommendation of PLAB but had never been dealt with by PLAT. Even though the second application was by way of a letter, it had to be considered as a separated and distinct from the first refused application. The Ombudsman found no reason to justify his entering into the merits of the application as such; the matter being of a technical natures had to be tackled by the competent board. The Advisory Board's advice given to the Commissioner had been acted upon and approved, but the objectors appealed to the tribunal who refrained form giving a fair hearing as prescribed by Regulation 6 of the Police Licences (Procedures) 1991.

In similar circumstances the commissioner could have insisted with the Appeals Tribunal to give a proper hearing to the appeal within a short time. If the assessors on the Tribunal require external expert advice they may seek it themselves. The Ombudsman finally pointed out that the Appeals Tribunal acts in an advisory way, 'to hear and determine the final advice to be given to the Commissioner of Police', as such the ultimate responsibility for the grant or cancellation of licences rests with the commissioner and not the tribunal. the claim put forward by the latter that little can be done is therefore not valid and deserves criticism because it left complainants waiting without any response to their appeal.

the Ombudsman's opinion was that this was a case of maladministration in that the competent authorities failed to deal expeditiously with complainants' appeal and also because they were never informed of the outcome.

He therefore recommended to the Commissioner of Police to request the Tribunal to hear the appeal and tender their advice within a month.

Complainants had been informed that the recommendations were being followed up, the case was therefore concluded and the file closed.

CHUBB

*Think Safe*
*Think Chubb*





**For Domestic and Commercial Protection**

*Intruder Alarm Systems*
*Fire Alarms*
*Security Safes*
*Access Control Units*
*Deposit Lockers*
*Data Cabinets*
*Closed Circuit TVs*

PHILIP TOLEDO LIMITED

Notabile Road, Mriehel BKR 01.
Tel: 445566 Fax: 484316
E-mail: info@mail.ptl.com.mt
Visit us at http://www.pti.com.mt

# FORENSIC SCIENTIFIC EXAMINATIONS IN SEXUAL ABUSE CASES

*Christopher Farrugia PhD Forensic Science (Strath.)*

This presentation was given in the 1st Maltese Forensic International Conference held in November 1998. The author, a member of the Forensic Science Laboratory, has been working and studying in the forensic field for these last thirteen years.

**Introduction**

In cases of alleged sexual abuse, the areas of forensic investigation include a thorough medical examination, and psychological and psychiatric tests.

It also encompasses scientific tests which are centred round the presence and analyses of body fluid specimens and particulate matter.

